MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 1050/2002

**Josette mart Dr. Mario Stilon De Piro u Julia Cauchi Inglott.**

**-vs-**

**Dr. Charles Boffa, u b’digriet tad-9 ta’ Ottubru, 2002 Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Veronica Rossignaud inħatru kuraturi deputati biex jirrapresentaw lill-assenti George Boffa, Alexander Caruana Soler, Jacqueline Micallef sew proprio kif ukoll għan-nom u in rappresentanza ta’ l-assenti Jennifer Hague u Felicity Dunnet, Mary Anne Papagiorcopolo, Frederick Cauchi Inglott, u l-istess Dr. Charles Boffa li b’digriet ta’ l-1 ta’ Ottubru, 2002 ġie nominat kuraturi deputati biex jirrapresentaw lil George Cauchi Inglott, Lillian armla minn Joseph Caruana Soler, Edward Caruana Soler, Edwina Barthe, Nathalie Ferris u Roberta Borg Busuttil, u b’digriet ta’ l-1 ta’ Diċembru, 2003, Fredrick Cauchi Inglott assuma l-atti tal-kawża f’isem ħuh George Cauchi Inglott li jinsab imsiefer.**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fis-17 ta' Settembru, 2002 li permezz tagħha l-atturi esponew bir-rispett:

Illi l-partijiet f'din il-kawża kienu huma jew il-predeċessuri fit-titolu tagħhom kienu daħlu f'kuntratt ta' diviżjoni ta' porzjoni diviża mill-għalqa msejħa 'Tat-Turretta' sive Tal-Ponta jew tal-Mansab, fi sqaq tas-Sinja, il-Kalkara tal-kejl ta' ċirka sittax-il tomna kif traċċatta u mqassma f'36 plot kollha ta' valur ugwali liema kuntratt kopja hija hawn annessa u mmarkata Dokument "A", ġie ppublikat min-Nutar Joseph Sciberras fid-19 ta' Ġunju, 1976.

Illi wara dik id-diviżjoni kif jirriżulta anke mir-relazzjoni tal-Perit Albert Fenech, kopja ta' liema hija hawn esebita u mmarkata Dokument "B", minħabba spostament fit-toroq proġettati xi uħud mill-kondivedenti appropjaw ruħhom u bigħu artijiet li ma kinux ġew diviżi u li sal-lum għadhom komuni.

Illi l-atturi kienu permezz ta' ittri uffiċjali kopja ta' liema huma hawn annessi u mmarkati Dokumenti "C", interpellaw lil diversi akwirenti mingħand il-kondividenti biex jirrilaxxjaw dik l-art li kienet għadha komuni u li kienet ġiet mibjugħa lilhom għalhekk malament;

Illi l-atturi u l-konvenuti jipposjedu wkoll flimkien parti oħra diviża mill-fuq imsemmija għalqa magħrufa 'Tat-Turretta';

Illi l-atturi u l-konvenuti jippossjedu dawn l-artijiet fuq imsemmija fis-segwenti kwoti u cioe' 2/3 mill-aħwa Dr. Charles Boffa u George Boffa, 1/6 indiviż ieħor fi kwoti ugwali bejn l-eredi ta' Hilda Cauchi Inglott u cioe' 1/24 kull waħda mill-atturi u 1/24 ieħor kull wieħed George u Frederick Cauchi Inglott waqt li l-aħħar 1/6 indiviż jappartjeni ugwalment lil rimaneneti kondividenti aħwa Caruana Soler;

Illi l-atturi ma ma jixtiqux ikomplu jżommu din l-art in komunjoni mal-konvenuti l-oħra u jixtiequ jaqsmu l-ġid komuni ta' bejniethom;

Illi kull tentattiv għal soluzzjoni bonarja tal-vertenza spiċċat fix-xejn;

Jgħidu għalhekk l-istess konvenuti għaliex m'għandhiex din il-Qorti:-

1. Tordna d-diviżjoni u assenjazzjoni tal-artijiet fuq imsemmija, u cioe' dawk l-artijiet appropriati mill-kondividenti kif fuq ingħad fir-rapport tal-Perit Albert Fenech; kif ukoll ir-rimanenti art imħollija indiviża mill-art tat-Turretta limiti l-Kalkara hawn fuq imsemmija bejn l-istess partijiet fil-porzjonijiet lilhom rispettivament appartenenti kif fuq ingħad;

2. Tordna l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' diviżjoni relattiv fil-ġurnata, ħin u lok li jiġi ffissat minn din il-Qorti u għal dan il-fini tinnomina Nutar pubbliku biex jippubblika l-istess att u kuraturi deputati għall-eventwali kontumaċi fuq dak l-att.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni għall-konvenut għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fid-29 ta' Novembru, 2002 li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi, mingħajr preġudizzju għall-kontestazzjoni tal-fatti kif dikjarati, l-esponenti qatt ma opponew li ssir diviżjoni bonarja;

2. Salv illi jsiru r-riċerki kollha neċessarji fuq l-art in kwistjoni;

3. Salv il-verifika tal-kwota ereditarja;

4. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti maħlufa minn Alexander Carana Soler, I.D. 166457(M), u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Dr. Charles Boffa f'ismu proprio u b'digriet ta' l-1 ta' Ottubru, 2002 nominat kuratur biex jirrappreżenta lill-assenti Dr. George Boffa, ippreżentata fil-5 ta' Diċembru, 2002 li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi huma ma joġġezzjonawx illi ssir id-diviżjoni u l-assenjazzjoni ta' kull parti mill-artijiet *de quo* li jirriżultaw mhux ġia' diviżi u mhux assenjati *purche* d-diviżjoni ssir b'mod ekwu u ġust skond is-sehem rispettiv tal-partijiet kondividenti;

Bl-ispejjeż għall-kondividenti kollha skond is-sehem rispettiv tagħhom.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut maħlufa minn Dr. Charles Boffa, I.D. 660430(M), u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' April 2007 li permezz tiegħu ġie preżentat abbozz ta' ftehim.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ġunju, 2007 li permezz tieghu l-kawza tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi wara ħafna trattattivi bejn il-partijiet dawn waslu għal ftehim bonarju kif kellhom jiġu maqsuma l-assi in kwistjoni iżda kien hemm intopp billi tnejn mill-ko-proprjetarji baqgħu ma tawx l-adezjoni tagħhom. Għalhekk il-partijiet l-oħra kollha talbu li ssir il-qasma skond l-iskrittura a fol 104 tal-proċess. Il-Qorti ma tarax għaliex ma għandhiex tilqa' din it-talba li tidher li hija ġusta u toffri qasma aċċettabbli għall partijiet kollha barra milli jiġu evitati spejjeż ulterjuri għalihom.

Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talba attriċi u tordna li ssir il-qasma iżda skond id-dokument "Z" esebit a fol 104 tal-proċess u l-pjanta annessa ma' l-istess

dokument u redatta mill-Perit Adrian Falzon; tordna li l-att ta' diviżjoni għandu jkun pubblikat fl-edifiċċju tal-Qorti minn Nutar Dottor Alexander Sceberras Trigona f'data li tiġi ffissata mill-Qorti fuq talba ta' xi ħadd mill-partijiet jew minn Nutar nominand, u tinnomina bħala kuratriċi tal-kontumaċji lill-Avukat Dottor Charmaine Galea.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------